MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 28/2001/1

Emanuel u Luigia konjuġi Sultana .

vs

Joseph Cremona ,
Michael Cremona .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-biċċ art imsejjħa "Ta' Firdien" fil-limiti tax-Xagħra, Għawdex fil-kuntrada tar-Ramla, Għawdex bil-kejl ta' ċirka sitt mija u sitta u ħamsin metru kwadru (656 m.k.) u tmiss mill-Lvant ma' beni ta' Michael Cini, mit-Tramuntana ma' Triq Għajn Qamar u minn nofsinhar ma' beni ta' l-eredi ta' Felice Cremona .

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma proprjetarji ta' biċċa art oħra attigwa għal dik tal-attur, u ċioe' bicca art magħrufa bħala "Ta' Kaċċaturi" bil-kejl ta' ċirka tomna pari għal elf mija u erbgħa u għoxrin metru kwadru (1124m.k.) li tmiss mill-Lbiċ ma' beni ta' Ganni Cremona, mill-Majjistral ma' passaġġ u mill-Grigal ma' beni tal-eredi ta' Felice Cremona .

Illi l-konvenuti qegħdin jippretendu li l-art tagħhom fuq imsemmija għandha l-passaġġ minn fuq l-art tal-atturi u b'hekk l-art ta' l-atturi tkun soġġetta għad-dritt ta' passaġġ favur l-art tal-konvenuti fuq imsemmija .

Illi l-art ta' l-atturi ma hijiex soġġetta għal xi dritt ta' passaġġ la favur l-art tal-konvenuti u lanqas favur terzi .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara u tiddeċidi li l-art ta' l-atturi fuq imsemmija "Ta' Firdien" fil-limiti tax-Xagħra Għawdex hija libera minn kwalunkwe servitu' ta' passaġġ a favur ta' l-art tal-konvenuti ;

2. Tiddikjara li l-atturi jippossjedu l-art "Ta' Firdien" limiti tax-Xagħra Għawdex libera minn kwalunkwe dritt ta' servitu' ta' passaġġ a favur l-art tal-konvenuti fuq deskritta magħrufa bħala "Ta' Kaċċaturi" ;

3. Tinibixxi lill-konvenuti milli jeżerċitaw passaġġ ossia aċċess minn l-art ta' l-atturi hawn fuq imsemmija .

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra interpellatorja datata s-6 ta' Marzu 2001 u dawk tal-ittra uffiċjali spedita fit-12 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenuti .

Il-konvenuti mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu nġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi maħlufa minn Emanuel Sultana .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha eċċepew :

1. Illi l-konvenut Michael Cremona mhuwiex il-leġittimu kontradittur u għaldaqstant għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-atturi ;

2. Illi fil-mertu t-talbiet attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra l-atturi ;

3. Illi l-art proprjeta' tal-eċċipjenti Joseph Cremona tgawdi servitu' ta' mogħdija minn fuq l-art tal-atturi u din il-mogħdija mhux biss ġiet eżercitata mill-eċċipjenti għal dawn l-aħħar sitta u erbgħin sena iżda talli l-istess mogħdija minn fuq l-art tal-atturi kienet tiġi eżerċitata wkoll mill-awturi fit-titolu tal-eċċipjenti kif ser jikkonfermaw uħud mix-xhieda li ġew dikjarati mill-istess atturi, li għal xi żmien kellhom il-pussess tal-art proprjeta' tal-eċċipjenti f'idejhom ;

4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Michael Cremona .

Rat il-verbal tagħha tas-7 ta' April 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti u affidavits esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li l-konvenuti ma jgawdu

ebda servitu' ta' passaġġ minn fuq ir-raba tagħhom indikata fiċ-ċitazzjoni, u konsegwentement talbu wkoll li l-konvenuti jkunu inibiti milli jeżerċitaw aċċess minn fuq din l-art tagħhom . M'hemmx dubbju li l-azzjoni ttentata mill-atturi hija l-hekk imsejjħa **azzjoni negatorja .** Jiġi mgħallem fid-dottrina legali f'dan ir-rigward illi :

"***Si dice negatoria l'azione spettante al proprietario per difendersi da quelle usurpazioni, che, senza sopprimere interamente il dominio sulla cosa …. arrecano delle limitazioni all'ezercizio del medesimo, e si dice negatoria perche' tende a negare un diritto vantato dal convenuto . L'actio negatoria, secondo l'opinione prevalente, ha luogo ogni qual volta avenga un'ingusta restrizione del diritto di proprieta'***."[1]

Fil-każ in eżami l-konvenuti mhumiex jiċħdu illi jippretendu illi għandhom dritt ta' servitu' ta' passaġġ fuq l-art ta' l-atturi . Anzi jammettu illi ilhom żmien twil jgħaddu minn fuq ir-raba ta' l-atturi sabiex jaċċedu għar-raba pposseduta minnhom li tiġi wara dik ta' l-atturi .

Dwar il-**provi** meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din, ikompli jingħad fl-istess opra illi :

"***Fondamento dell'azione negatoria essendo la proprieta', l'attore deve provare in primo luogo che egli e' proprietario . In secondo luogo l'attore deve provare la sofferta restrizione del suo diritto di proprieta', per fatto del convenuto . Se questi vuole sostenere che egli aveva diritto di compiere il fatto di cui l'attore sa lagna, deve fornire la prova, poiche tale fatto limita l'esercizio del diritto di proprieta' che e' illimitato per sua natura***."[2]

L-istess jispjega **Francesco Ricci** fl-opera tiegħu "*Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile* (Torino ed. 1886 vol. II # 473):

---

[1] Digesto Italiano vol. VIII. pt. I.pag. 859 (Torino 1929) ; per V. Campogrande

[2] ibid. pag. 860 .

"***L'azione negatoria**, come indica lo stesso nome, tende a far riconoscere la liberta' del fondo, ed escludere percio' la servitu' che altri pretenda di esercitare sul medesimo . Devesi proporre dal proprietario del fondo, che vuolsi far dichiarare libero, contro il proprietario del fondo, a cui profitto si pretende esercitare la servitu' …….*

*E' questione, se nell'esercizio della negatoria l'onere della prova incomba all'attore o al convenuto . La liberta' del fondo e' presunta, perche' e' una conseguenza del diritto di proprieta' competente sul medesimo; l'attore dunque ha nell'esercizio della negatoria a suo favore la presunzione, ed in conseguenza non esso, ma chi si fa a combattere tale presunzione, affaciando l'onere stabilito della servitu', ha l'obbligo di somministrare la prova*."

Imma qabel ma jsir l-eżami meħtieġ sabiex jiġi ndagat jekk fil-każ in eżami jeżistux l-elementi hawn indikati sabiex tirnexxi kawża bħal din, hemm eċċezzjoni preliminari li trid tiġi ttrattata. Il-konvenuti jgħidu li Michael Cremona mhux il-leġittimu kontradittur billi huwa mhux il-proprjetarju ta' l-art illi huma jippretendu illi tgawdi aċċess minn fuq l-art ta' l-atturi . Madankollu l-istess konvenut jammetti illi huwa stess għadda kemm il-darba minn fuq l-art ta' l-atturi sabiex jaċċedi għar-raba ta' missieru, l-konvenut l-ieħor, meta jmur jaħdemhielu . Għalhekk kif tajjeb isostnu l-atturi fin-nota ta' l-Osservazzjonijiet tagħhom, billi waħda mit-talbiet hija appuntu sabiex il-konvenuti jinżammu milli jkomplu jgħaddu minn fuq l-art tagħhom, u l-konvenut Michael Cremona huwa wieħed minn dawk li jeżerċita dan il-pretiż dritt ta' aċċess, il-kawża saret korrettement kontrih ukoll . Għaldaqstant din l-ewwel eċċezzjoni qed tiġi minnufih respinta .

Fuq il-mertu, mhux kontestat li l-atturi huma l-proprjetarji tar-raba ndikata fiċ-ċitazzjoni . Jirriżulta mix-xhieda ta' l-attriċi illi din kienet wirtitha mingħand missierha Carmelo Pace, li minn naħa tiegħu kien akkwistaha b'att ta' xiri tat-23 ta' Mejju 1957.[3] Lanqas qed jiġi nnegat illi l-konvenut huwa l-proprjetarju ta' l-art retrostanti dik ta' l-attriċi, imma

[3] ara affidavit ta' l-attrici a fol. 20 - 22 .

li ma tmissx magħha, u li l-konvenuti jallegaw li tgawdi aċċess minn fuq l-art ta' l-atturi . Anzi jirriżulta mid-depożizzjoni ta' l-attur stess illi l-konvenut kien akkwista r-raba tiegħu fl-1954 b'att ta' xiri wkoll[4] . Jibqa' għalhekk biss sabiex jiġi ppruvat mill-konvenuti illi tassew jeżisti dan is-servitu' ta' passaġġ a favur tagħhom minn fuq ir-raba indikata fiċ-ċitazzjoni . Kif ġie anke konfermat mill-qrati tagħna, f'**azzjoni negatorja** : " … *il-piż tal-prova tal-eżistenza ta' dak il-passaġġ jinkombi fuq il-konvenut*."[5]

Is-**servitu' ta' passaġġ** huwa klassifikat fil-liġi[6] u fid-dottrina bħala wieħed apparenti u diskontinwu; apparenti għax jidher illi terzi jkunu qed jgħaddu minn fuq art ta' ħaddieħor, u diskontinwu għax dan id-dritt ma jiġix eżerċitat il-ħin kollu . "***La servitu' di passaggio e' discontinuo pei suoi caratteri, e dalla legge e' collocata appunto fra le servitu' discontinue***."[7] Għalhekk servitu' bħal dan jista' jiġi akkwistat biss bis-saħħa ta' **titolu**.[8] "***Per titolo s'intende l'atto giuridico, formale, costitutivo di una servitu', sia esso una convenzione gratuita od onerosa, sia una disposizione di ultima volonta': la vendita o la divisione sono le convenzioni con le quali piu' frequente si stabiliscono le servitu' prediali***."[9]

Fil-każ in eżami ma ġiet prodotta ebda prova ta' titolu da parti tal-konvenuti, li minnha jista' jingħad li oriġina dan l-allegat servitu' ta' passaġġ favur tagħhom . Anzi l-istess kuntratti msemmija mill-atturi pjuttost jimmilitaw kontra t-teżi li l-konvenuti setgħu akkwistaw dan is-servitu' bis-saħħa ta' xi titolu . Dan għaliex la f'dak li bih kien akkwista missier l-attriċi, u lanqas f'dak li bih kien akkwista l-konvenut Joseph Cremona ma jissemma xejn f'dan ir-rigward .

Eċċezzjonalment pero', servitu' simili jista' jiġi akkwistat ukoll bil-**preskrizzjoni** ta' tletin sena, meta jirriżulta illi l-art

---

[4] ara affidavit ta' l-attur a fol. 15 .
[5] Appell : Domenica Vella vs Giovanni Magro (kollez. vol. XLI. i. 69
[6] art. 455(1) u (3 tal-Kodiċi Civili tagħna (Kap. 16)) .
[7] Digesto Italiano : vol. XXI. pt. 3 pag 151 per V. Galante .
[8] art. 469(1) tal-Kap.16 .
[9] op. cit. pag.153 .

dominanti hija interkjuża[10] . Huwa minnu illi l-artipposseduta mill-konvenuti ma' għandha l-ebda aċċess dirett għat-triq, u biex jidħlu fiha huma jridu neċessarjament jgħaddu minn fuq l-art ta' ħaddiehor[11] . Di piu' dan il-fatt l-anqas ma ġie miċħud mill-atturi, li jikkontendu biss illi dan il-passaġġ huwa minn fuq raba ieħor li jiġi 'l barra minn tagħhom .
Ġie mgħallem pero' fid-dottrina ġuridika illi sabiex jiġi akkwistat dan id-dritt ta' passaġġ bil-preskrizzjoni trentennali *: " … non dovrebbesi in generale ammettere a domandare il beneficio largito dall'articolo 682* (simili ghall-art. 469(2) taghna), *il proprietario che volontariamente avesse lasciato il proprio fondo chiudere da ogni parte, a ragion d'esempio, col fabbricare in giusa da privarsi, per l'immediato fatto della fabbrica, del passaggio con vettura sul suolo, il quale prima della costruzione servivagli di transito per giungere alla pubblica via."* [12]

Similment il-**Pacifici Mazzoni** jgħid : "*In ogni caso lo stato di chiusura del fondo non deve essere la conseguenza di un fattto compiuto o consentito dal proprietario; perciocche' allora non si verificherebbe punto la condizione della necessita' assoluta o relattiva del passaggio; occorre che esso sia l'effetto di un avvenimento indipendente dalla volonta' di lui."* [13]

Hekk ukoll il-**Baudry-Lacantinerie** jgħallem illi : "*E' dunque soltanto allorche' l'interclusione risulta da un caso fortuito, come il cambiamento del letto di un fiume, ovvero allorche' esiste da tempo immemorabile di modo che sia impossibile determinare la causa, che il proprietario del fondo interchiuso puo' reclamare il diritto di passaggio accordato dai nostri articoli . Le parti non possono far subire al vicino le conseguenze di una interclusione che risulta dal loro fatto*." [14]

---

[10] art .469(2) tal-Kap. 16 .
[11] ara site plan esebita mill-atturi a fol. 19 tal-process, u dik esebita mill-konvenuti a fol. 30
[12] Demolombe : Corso di Diritto Civile : vol. Vi - XI no. 605 ed. Par.
[13] Istituzioni vol. III pte. II pag. 209, n. 257 .
[14] Dei Beni pag. 815 .

Dan l-insenjament ġie wkoll applikat mil-qrati tagħna u nfatti ġie deċiż illi : "*Biex l-interkjużura ta' fond tagħti lok għall-mogħdija fuq il-fondi viċini, hemm bżonn li dik l-interkjużura tkun l-effett ta' avveniment indipendenti mill-volonta' tal-proprejtarju ta' dak il-fond.*" [15]

Dan kollu jfisser illi :

(i) biex ikun hemm akkwist ta' passaġġ bil-preskrizzjoni, l-element essenzjali huwa li l-art li tkun qed takkwista dan id-dritt, tkun interkjuża u ma għandhiex aċċess għat-triq minn fuq proprjeta' oħra .

(ii) il-bżonn ta' aċċess minn fuq l-art ta' ħaddieħor trid tirriżulta minn ċirkostanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' ta' min ikun qed jirreklama dan id-dritt ; u

(iii) proprjetarju ma jistax hu stess joħloq sitwazzjoni fejn ikollu bżonn aċċess minn fuq l-art tal-viċin .

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, nsibu lill-**konvenut Joseph Cremona** jallega illi sa minn meta akkwista r-raba tiegħu,[16] huwa dejjem għadda minn fuq l-art illum ta' l-attriċi[17] sabiex jaċċedi għar-raba tiegħu . Huwa fisser kif kien jidħol mill-entrata ta' quddiem id-dar tiegħu,[18] fil-ġemb tal-faċċata tar-raba dakinhar ta' Carmelo Pace, missier l-attriċi, fi Triq Għajn Qamar, u jibqa' dieħel minn taħt il-ħajt tan-nofsinhar fit-tul kollu tagħha, jidħol ġo u jaqsam it-tul kollu ta' raba ieħor, dakinhar ta' missieru (Mikiel Cremona),[19] u minn hemm jidħol ġo l-għalqa tiegħu[20] . Sostna wkoll illi anke Carmelo Vella, li qablu kien fil-qbiela ta' l-istess għalqa, minn hemmhekk kien jgħaddi biex jidħol fiha . Fisser kif, minkejja li missieru

---

[15] Prim'Awla : Francis Baldacchino et vs George Debono:16.1.2003; ara wkoll : Prim'Awla : DeGiorgio vs Zammit Tabona : 15.10.1982 .
[16] immarkata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta a fol. 30 .
[17] immarkata bil-kulur roża fuq l-istess pjanta .
[18] immarkata bil-kulur kannella fuq l-isetss pjanta .
[19] immarkat "eredi Felic Cremona" bil-kulur aħdar fuq l-istess pjanta .
[20] ara affidavit tiegħu a fol. 25 - 26 tal-proċess, u site plan a fol.30, fejn dan l-allegat passaġġ huwa mmarkat bil-kulur isfar .

kellu raba ieħor imiss ma' tiegħu minn żewġ naħat,[21] u li kien aċċessibbli direttament mit-triq, il-passaġġ ta' l-għalqa tiegħu qatt ma kien minn fuq ta' missieru . Dwar dan ġie korroborrat minn ibnu l-konvenut l-ieħor **Michael Cremona**[22] u minn **Giovanna Vella**, bint l-imsemmi Carmelo Vella.[23]

Dan kollu pero' ġie miċħud mill-**atturi,[24]** li sostnew illi l-konvenuti bdew jgħaddu minn fuq l-art tagħhom ftit snin biss qabel u dan fl-okkazzjoni li huma kienu bnew rampa aktar wiesa fl-entrata ta' l-għalqa tagħhom, sabiex jgħaddu bl-inġenju għal ġewwa l-għalqa tagħhom . Kien minn dakinhar li l-konvenuti bdew jinsistu illi għandhom dritt jgħaddu minn hemm, u minkejja li beda jpoġġilhom l-ostakoli biz-zkuk, sabiex jurihom illi m'hemmx dritt ta' passaġġ għal terzi minn dik l-entrata, xorta waħda baqgħu għaddejjin u għalhekk kienu kostretti jintavolaw din il-kawża kontrihom . Sostnew ukoll illi Carmelo Pace, missier l-attriċi, meta sar jaf b'dan, kien wissihom illi minn ġo l-għalqa tiegħu ħadd ma kellu jgħaddi . Komplew jgħidu illi qabel ma beda jgħaddi minn fuqhom, il-konvenut Joseph Cremona kien jidħol għall-għalqa tiegħu jew minn fuq ta' missieru stess, li kienet aċċessibbli direttament minn Triq Għajn Qamar, inkella minn fuq ta' Michael Cini, li tiġi wkoll quddiem id-dar tiegħu[25] .

Terġa' in kontro-eżami, sew il-konvenuti, kif ukoll l-unika xhud barranija prodotta minnhom, urew ċerta eżistazzjoni fid-depożizzjoni tagħhom, u ma baqgħux daqstant ċerti dwar l-allegazzjonijiet tagħhom . Infatti l-konvenut Joseph Cremona ammetta illi lil Carmelo Vella, l-inkwilin li kien hemm fl-għalqa tiegħu qabel ma xtara, ġieli rah għaddej minn fuq ir-raba ta' missieru (Mikiel Cremona), sabiex jaċċedi għal ġewwa l-għalqa mikrija lilu[26] . L-istess ibnu l-konvenut Michael Cremona, mistoqsi mill-legali ta' l-atturi jekk dawn kienux iwaqqfuh meta kien jittenta jgħaddi minn fuq l-għalqa tagħhom, stqarr illi : *"Ġo taz-zijiet u ġo tal-*

---

[21] immarkati bil-kulur aħdar fuq l-istess pjanta .
[22] ara affidavit tiegħu a fol. 28 – 29 .
[23] ara affidavit tagħha a fol.31 - 32 .
[24] ara affidavits tagħhom a fol. 15 - 18 u 20 - 22 rispettivament .
[25] immarkata bl-abjad fuq il-pjanta a fol. 30 .
[26] ara kontro-ezami ta' Joseph Cremona a fol. 46 - 47 .

*kuġini* (b'referenza għall-għelieqi li jmissu ma' ta' missieru u li qabel kienu ta' nannuh Mikiel Cremona*) nista' mmur u ma ngħaddix minn hemmhekk ta*! " [27] Hekk ukoll Giovanna Vella ma baqgħetx daqstant ċerta minn dak li kienet stqarret fl-affidavit tagħha, meta reġgħet ġiet mitluba tispjega missierha minn fejn kien jgħaddi biex jidħol fir-raba mikrija lilu . Billi meta nbigħet din l-għalqa lill-konvenut Joseph Cremona hija kellha biss għaxar snin, ma setgħetx tgħid mill-memorja x'kien isir . Hjia spjegat illi kienet qed tixhed fuq dak li qalulha ħutha msiefrin . Anqas setgħet tispjega għaliex missierha, li kellu raba ieħor imiss eżattament ma' dak mikri lilu,[28] kien xorta waħda joħroġ minn din l-għalqa, aċċessibbli minn Triq Calypso, u joqgħod idur żewġ kantunieri sabiex jidħol fl-għalqa in kwistjoni minn ġo ta' Sultana.[29] Mistoqsija domanda diretta l-konvenuti minn fejn iridu jgħaddu biex jidħlu fl-għalqa tagħhom, hija wieġbet b'mod pjuttost ambigwu : "*Jew minn fuqna jew ma nafx*." [30]

Imbagħad hemm ukoll il-fattur taż-ż**mien** meħtieġ għall-akkwist ta' servitu' bħal din bil-preskrizzjoni . Għalkemm il-konvenuti jikkontendu illi s-servitu' ta' dritt ta' passaġġ fuq l-imsemmija raba' ta' l-attriċi ilu jeżisti u jintuża minnhom għal perijodu ferm aktar minn tletin (30) sena, mingħajr ebda kontestazzjoni jew interruzzjoni, sa minn meta l-għalqa tagħhom ġiet akkwistata mill-konvenut Joseph Cremona fl-1954, dan ma jidhirx illi ġie sodisfaċentement ippruvat, anke fid-dawl ta' dak li ngħad hawn fuq . Infatti mill-provi jidher illi ta' l-inqas sakemm ir-raba ta' Mikiel Cremona kienet għadha ma nqasmitx fl-1986, il-konvenuti kienu jgħaddu liberament minn fuqha biex jaċċedu għall-għalqa tagħhom . Kien biss wara din il-qasma u peress illi ebda parti mir-raba ta' Mikiel Cremona fl-inħawi ma messet lill-konvenut Joseph Cremona, u lanqas issemma xejn dwar xi dritt ta' pasaġġ li dan seta' kien igawdi fuq ir-raba ta' missieru, li jidher illi beda jsir

[27] ara kontro-ezami tiegħu a fol. 97 .
[28] l-għalqa l-kbira mmarkata bil-kulur griż fuq il-majjestral ta' dik in kwistjoni, fuq il-pjanta a fol. 30 .
[29] ara kontro-ezami tagħha a fol 54 – 69 .
[30] ibid. a fol. 67 .

użu iktar frekwenti ta' aċċess minn fuq l-għalqa ta' Sultana .

F'tali ċirkostanzi u fid-dawl tal-verżjonijiet konfliġġenti mogħtija, ma jistgħax jingħad illi l-konvenuti rnexxielhom jippruvaw illi qatt setgħu akkwistaw dan id-dritt ta' servitu' ta' passaġġ minn fuq ir-raba ta' l-atturi indikata fiċ-ċitazzjoni bil-preskrizzjoni trentennali . Għaldaqstant, u fin-nuqqas ta' din il-prova da parti tal-konvenuti, kif stabilit fid-dottrina u ġurisprudenza, it-talbiet ta' l-atturi għandhom jirnexxu .

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u :

1. tiddikjara li l-art ta' l-atturi msemmija fiċ-ċitazzjoni hija libera minn kwalunkwe servitu' ta' passaġġ a favur ta' l-art tal-konvenut Joseph Cremona deskritta wkoll fiċ-ċitazzjoni ; u

2. konsegwentement tinibixxi lill-konvenuti milli jeżerċitaw passaġġ ossia aċċess minn fuq l-art imsemmija ta' l-atturi .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-6 ta' Marzu 2001 u ta' l-ittra uffiċċjali spedita fit-12 ta' Marzu 2001 kontra l-istess konvenuti

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------